FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar It-Tnejn 27 ta' Mejju , 2002

**Avviz Nru:1196/01 PM**

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Andy Catania u l-istess Andy Catania**

**Vs**

**Christopher Cope**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz  li fih l-atturi talbu danni wara incident ta' traffiku;

Ra n-nota ta' eccezzjonijiet fejn gie eccepit li l-konvenut ma kienx reponsanbbli ghall-incident;

Ra d-dokumenti ezebiti;

Sema' x-xhieda;

Ikkunsidra li skond il-Pulizija li nvestiga l-incident iddikjaraw kif gej:

L-attur:"kont gej minn gewwa Dun Karm bypass sejjer lejn id-direzzjoni ta' Hal Lija, il-vann kien qieghed fuq il-faster lane, kellu vettura ohra quddiemu mort biex naqbzu minn fuq in-naha ta' gewwa ghafas fuq ix-xellug u laqat il-vettura tieghi fuq il-mudguard ta' quddiem tal-lemin bill-konsegwenza li bqajt tiela fuq ic-central strip;"

Il-konvenut: "propceeding from Msida to Lija in B'Kara bypass when AND100 hit me in the rear left side";

Il-konvenut xehed li hu kin ghaddej bill-vann tal-Iskola fuq il-fast lane. Kien hemm slow lane, hares luira, ma ra lill-hadd gej, xeghel l-indicator u mort fuq in-naha l-ohra. Hu hass id-daqqa waqt li kien qed jaqsam il-lanes. Il-konvenut qal li warajh qabel il-habta setgha jara biss xi zewg tulijiet ta' karozza jew tlieta u dan ghaliex hemm liwja. Fill-kontro-ezami l-konvenut qal li qasam il-lane f' post li setgha jara izda ma ra xejn;

L-attur qal li kien qed isuq fuq il-lane ta' gewwa. Ra zewg vetturi fuq l-lane ta' barra. Kif wasal hdejn il-vann dan bla ebda sinjal qasam u gie fuq il-lane tieghu. Skond l-attur il-habta saret fl-slow lane;

l-esponent jaghmel riferenza ghal kawza Fogg Limited vs Jesmond Vella deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru, 2001. F' din il-kawza L-Qorti tal-Appell qalet li s-sewqan ghandu "jkun prudenti, mehtieg u suggerit fic-cirkostanzi......il-Qorti ghalhekk tikkunsidra l-elementi kollha li kkontribwew ghall-incident fid-dawl tar-regolamenti li jiggvernaw is-sewqan tad-drivers involuti f' dak il-mument. Kellha tiddetermina x' kienet il-kawza prossima u immedjata tieghu";

F'dan il-kaz  il-kawza prossima tal-incident kien il-fatt li l-konvenut Cope qasam minn fuq il-lane ta' barra ghal ta' gewwa. Illi ghalkermm Cope jghid li hares lura u xeghel l-indicator , fill-fatt jew qasam f' post fejn ma setghax jara bizzejjed warajh jew ma zammx, " a proper look out". Il- konvenut kellu jassigura li setgha jaqsam il-lanes minghajr ma jostakola dawk fuq il-karregjata l-ohra;

Ghaldaqstant filwaqt li jichad l-eccezzjonjiet tal-konvenut jilqa; t-talba tal-aturi u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont ta' sitt mija tmienja u tmenin Liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (LM688.85) bl-imghax u bl-ispejjes kif mitlub;

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**

**Gudikatur**